Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, l-20 ta' Frar 2025**

**Kumpilazzjoni Nru. 59/2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef**
**Spettur Jeffrey Rizzo)**

**Versus**

**Jumaa Ahmed**
**(numru tal-Pulizija: 21H-050)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Jumaa Ahmed,** detentur tan-numru tal-Pulizija 21H-050.

Akkuzat talli nhar id-29 ta' Ottubru 2023 gewwa l-Floriana:

1. Ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Ana Maria Martin Hernandez hekk kif gie ccertifikat minn Dr Clayton Fsadni Reg no 4026 minn gewwa l-poliklinika tal-Floriana, u dan bi ksur tal-Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb kontra Ana Maria Martin Hernandez sabiex jingurjaha, idejjaqha, jew jaghmillha hsara u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338(m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundAna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi fis-6 ta' Frar 2024 xehed l-iSpettur Gabriel Micallef fejn qal illi fil-11.15pm tal-20 t'Ottubru 2023, Ana Maria Martin Hernandes kienet irrapurtat illi waqt illi kienet ghaddejja bil-mixi minn Triq Sarrijja, l-Floriana beda jsegwiha ragel illi kienet innutat bil-qieghda fuq bank. Hi waqfet biex taqfel il-lazz biex hu jaqbizha, izda kif kienet kokka taghmel il-lazz, hatafha minn xagharha, izda hi rrnexielha tahrab u marret taghmel rapport l-Ghassa tal-Belt fejn tat deskrizzjoni tal-persuna li kien aggrediha. Il-*parte civile* ttiehdet il-polyclinic tal-Floriana fejn giet iccertifikata li sofriet griehi hfief. Fit-8 ta' Jannar 2024 kienu identifikaw lill-akkuzat, li gharaf fl-awla, u waqt l-interogazzjoni ammetta li kien involut fl-incident u kien aggrediha ghax il-*parte civile* kienet offendietu. Ix-xhud ikkonferma d-dokumenti li kienu gew ipprezentati fil-prezentata, fejn gharaf ukoll il-firem kollha li hemm fuq Dok GM3, ir-rifjut li jikkonsulta mal-Avukat, Dok GM2 l-ittra bid-drittijiet bil-lingwa Gharbija u Dok GM1 l-istqarrija ta' l-imputat. Ix-xhud ipprezenta CD immarkat GM1 li huwa filmat minn fuq xarabank fejn deher parti mill-incident, rapport Dok GM2 u zewg mobile phones immarkati Dok GM3 u Dok GM4.

Illi fil-11 ta' Marzu 2024 xehed PS469 Andrea Genuis Sciberras li fid-29 ta' Ottubru 2023 fil-11.30pm, irrapurtat l-Ghassa tal-Belt Ana Marie Martin Hernandez, li stqarret li hija kienet ghadha kemm giet aggredita minn persuna maskili u ta' karnaggjon skur waqt illi kienet niezla minn gewwa l-Belt direzzjoni lejn il-bombi ghaddejja minn gewwa triq fil-Floriana, imsemmijja Triq Sarrijja fejn  kienet innutat persuna maskili li kien qieghed fuq bank. Waqt illi kompliet miexja, innutat li kellha dan il-persuna miexi warajha, u ghalhekk hi waqfet taparsi ser taqfel il-lazz u f'daqqa u l-hin dan il-persuna qabadha minn xagharha, u hi telqet tigri

ghax kien beda jipprova jattakkha u hi telqet tigri u qabdet tal-linja ohra direzzjoni lejn il-Belt u marret l-ghassa biex taghmel ir-rapport. Ix-xhud qalilha biex tmur taghmel certifikat mediku rigward dan kollu, u ghalhekk hija giet iccertifikata dakinhar stess, minn certu Dr. Clayton Fsadni, registration number 4026 minn gewwa l-klinika tas-sahha ta' Floriana. Ix-xhud talab lil Transport Malta CCTV footages tal-cameras li kellhom hdejn il-bombi fejn tidher persuna li qed tigri go nofs ta' triq, u anke tipprova tuza sieq, sabiex tagredixxi tal-linja ghalkemm il-persuna ma tistax tigi identifikata. Ix-xhud ikkonferma li kien hu li ghamel ir-rapport *a fol.* 7 *et seq*. u pprezenta USB bil-footages li kien gabar minghand Transport Malta fit-13 ta' Novembru 2023 wara li kien ghamel talba ghalihom fil-5 ta' Novembru 2023 li gie immarkat Dok AMG1.

Illi xehed Edmond Mallia bhala rapprezentant ta' Transport Malta, fejn xehed illi fl-1 ta' Novembru 2023 kellu request mill-Pulizija biex jipprezenta filmat minn CCTV camera li kien hemm hdejn stage numru 2 hdejn il-bombi Floriana liema request tidher fuq Dok AMG2. Huwa imbaghad ghamel download tal-filmat, u ghaddieh lill-Pulizija fuq pen drive fejn Dok AMG3 juri li gie mghoddi lill-Pulizija.

Illi fis-7 ta' Mejju 2024 xehdet Ana Maria Martin Hernandez via 'online', fejn qalet illi fid-29 t'Ottubru 2023, f'xi 10.45 pm kienet sejra lura d-dar taghha fl-Imsida wara x-xoghol, u waqt illi kienet ghaddejja minn hdejn il-gnien vicin tal-bus stop ftit qabel il-bombi ta' Floriana, rat lill-imputat fuq bank, li gharfet fl-awla, u hassitha skomda ghax kellu ghajnejh bhallikieku kien taht l-influwenza tad-droga, u ndunat li beda jsegwiha. Hi tbaxxiet biex taghmel il-lazz biex thallieh jaqbizha, izda hu waqaf ukoll, u hi qaltlu biex jitlaq bil-lingwa Spanjola, u bl-Ingliz qaltlu li ser iccempel lill-Pulizija bil-mowbajl f'idejha. Hi hassitha mbezza' u bdiet twerzaq, u qasmet it-triq ghax fejn kienet sejra kien aktar mudlam, u l-imputat mar warajha u hatfilha xagharha, u hi kompliet tigri u rat karozza tal-linja u bdiet tigri biex tipprova tilhaqha. X'hin irnexxielha titla' kienet qieghda tibki u twerzaq u kien hemm persuna Maltija li qalilha biex tmur taghmel rapport l-Ghassa tal-Pulizija. Ix-xarabank kienet ghall-Belt u l-persuna akkompanjaha sal-Ghassa tal-Belt, imma hi ma tafx x'jismu dan il-persuna, ghax il-Pulizija qallu li seta' jitlaq. Il-*parte civile* kompliet tghid illi wara marret l-polyclinic tal-Floriana, fejn qalulha li kellha xokk fuqha izda ma kellhiex griehi ohra. Fil-kontro ezami ix-xhud ikkonfermat illi kienet vicin tal-Pjazza San Publiju meta lill-imputat ratu l-ewwel darba vicin ta' fejn jiddepozitaw il-hwejjeg ghar-riciklagg. Meta ppruvat

twaqqaf tal-linja kienet vicin il-Bombi u l-imputat x'hin raha hdejn tal-linja telaq. Hi ghaddiet minn quddiem il-bank fejn kien hemm l-imputat u rat ghajnejh miftuhin berah u hadet l-impressjoni li kien taht l-influwenza tad-droga u minn wiccu deher li ma kienx jidher normali.

Illi xehed ukoll Dr. Clayton Fsadni li kkonferma li kien ra lil Ana Maria Martine Hernendez fil-Floriana Health Centre, wara li kienet qaltlu li persuna kien gibdilha xagharha, izda ma kellhiex tbengil jew griehi, ghalkemm kienet agitata, qisha taht xokk. Ix-xhud ipprezenta certifikat li gie immarkat Dok CF1. Fil-kontro ezami ix-xhud gie mistoqsi ghalfejn kien kiteb 'slight injuries save complications', la ma kien hemm ebda griehi, u x-xhud wiegeb li kiteb slight injuries minhabba xokk u b'hekk kien kiteb 'save complications' ghax 'psychological trauma' trid tigi assesjata fuq perjodu ta' zmien.

Illi xehed PC 626 Giancarlo Benetti, fejn qal li hu kien qieghed jinvestiga serq fl-akkwati ma' PC355, u kienu ghamlu kuntatt mal-vittma li kienet irrapurtat li kienet inzertat lil persuna li kien aggrediha fit-12 ta' Dicembru 2023 il-Belt, u kienet hadet video tieghu bil-mowbajl. Fit-8 ta' Jannar 2024, hu kien ghaddej hdejn il-bombi u gharaf il-persuna mill-video u nizel mill-vettura, u nfurmah li kien taht arrest u tah id-drittijiet tieghu. Ix-xhud ipprezenta USB mmarkata AMGY1, li kienet tinkludi l-video li kien ha minghand PS Genius Sciberras u l-video li tatu l-vittma fejn seta' jaghraf lill-imputat.

Illi xehed Dr. Stephen Farrugua Sacco fejn qal illi kien gie mahtur biex johrog fotogrammi minn CD li kien fih diversi filmati li kien mmarkat 'mobile video by victim' fejn tidher persuna qieghda tigi rrekordjata b'oggett bhal mobile u folder iehor mmarkat Transport Malta u ha l-fotogrammi tal-istess, li jidhru fir-rapport tieghu mmarkat bhala Dok SPS1. Kien gie mahtur ukoll biex jaghmel localisation ta' zewg mobiles. Din l-informazzjoni tista' tohrog mill-mobiles stess kif ukoll mis-service providers u peress illi mill-mobiles ma setax johrog din l-informazzjoni kif jidher fir-rapport Dok SPS2, kien ikun ahjar jekk jinghata awtorizzazzjoni sabiex jkun jista' jikseb din l-informazzjoni mis-service providers.

Illi fit-12 ta' Dicembru 2024, xehed PC Brian Fava li jahdem mac-Cyber Crime Unit, fejn qal li kien stazzjonat il-Belt Valletta fid-9 ta' Jannar 2024, fejn gharaf il-firma tieghu fuq ir-rinunzja tad-dritt tal-Avukat u l-firem

tal-persuni l-ohra saru fil-prezenza tieghu u tal-imputat Jumaa Ahmed li gharaf fl-awla.

Illi fit-12 ta' Dicembru 2024 xehed Dr. Stephen Farrugia Sacco in kontro ezami li jghid illi Dok M1 *a fol.* 28 fejn hemm indikat li mobile localisation data ma setax jinqara ghax kellu xi hsara. Mistoqsi x'jaghmel kif jifthu l-mobile, hu jghid illi l-ewwel jiffotografah u jiddokumenta kollox li huwa pertinenti, u tiehu l-hin ta' meta jibda u d-data fejn ikun possibbli. Wara jqabbad il-mowbajl ma' software li kien Cellebrite Dok M2, fejn hemm zewg metodi principali wiehed jissejjah Premiums, fejn jesporta l-informazzjoni u jiggenera rapport. In-Nokia kellu l-hsara u ma setax jinqara kif jidher *a fol.* 128 ghax it-tip ta' mowbajl ma kienx izomm location. Ix-xhud kompla jghid li hu jitlob l-informazzjoni mid-data providers bl-IMI number tal-mowbajl u l-ICCID tas-sim card, u hemm ir-rapport *a fol.* 135, dan huwa rapport forensiku u ma jistax jinbidel. *Fol.* 136 juri san-numru 88 u jghid 'carved' li tfisser imhassar, imma s-software xorta jestrathom u n-numri huma longitudes u latitudes. Ix-xhud gie mistoqsi dwar in-numri li jidhru, pero' ma setax jghid f'dak il-hin u lanqas dwar l-accuracy ezatt, imma generalment ma jkunx hemm aktar minn 10 metri. Mill-informazzjoni li hareg ma setghax jghid jekk kienx hemm xi data li kienet vicin il-bieb tal-Bombi.

**Ikkunsidrat**

Illi d-difiza pprezentat dokumenti mmarkati Dok MF1. Illi l-Prosekuzzjoni oggezzjonat ghal dawn id-dokumenti u talbet l-isfilz ta' dawn id-dokumenti stante li dawn id-dokumenti ma gewx ipprezentati minn Esperti kompetenti.

Illi l-Qorti stante li dawn id-dokumenti u l-informazzjoni li hemm fihom ma gewx ikkonfermati minn Espert *in materia* u lanqas gew pprezentati bil-gurament, qed tordna l-isfilz ta' Dok MF1 u qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi rrizulta li l-*parte civile* kienet miexja il-Floriana u nnutat lill-imputat fuq bank fejn mill-ewwel hassitha skomda minhabba fil-harsa t'ghajnejh. Hassitu miexi warajha u tbaxxiet biex taghmel il-lazz, u thallih jaqbizha izda kif wasal hdejha l-imputat hatfilha xagharha. Hi bdiet

tghajjat u twerzaq u rnexxielha tahrab minnu u griet lejn it-triq hdejn il-Bombi fejn irnexxielha twaqqaf tal-Linja u telghet u marret l-Ghassa tal-Belt taghmel rapport. Wara marret il-klinika tal-Floriana fejn giet iccertifikata li kienet qieghda ssofri minn xokk. Illi mic-CCTV cameras tat-Transport Malta jidhru persuni hdejn il-bombi u tidher tal-linja vicin.

Illi l-*parte civile* gharfet lill-imputat waqt illi kienet l-Belt wara nofsinhar fit-12 ta' Dicembru 2023, u haditlu filmat li ghaddiet lill-Pulizija, kif ukoll regghat ikkonfermat l-identita' tieghu w gharfitu in awla. Il-Pulizija gharfu lill-imputat mill-filmat f'Jannar 2024 u arrestawh. Waqt l-istqarrija huwa ammetta li kien hemm persuna femminili li qabdet tghajru u li kien taha daqqa hafifa f'rasha ghax tatu fastidju.

Illi l-Qorti wara li rat id-dokumenti pprezentati fl-atti processwali u semghat ix-xhieda hija konvinta illi l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' l-imputat gew ppruvati sal-grad rikjest mill-Ligi.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat Artikolu 7, 8, 221(1), 338(m) u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed **issib lill-imputat Jumaa Ahmed, hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontrih u qed tikkundannah ghal tmintax-il xahar (18) prigunerija effettiva.**

**Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**, il-Qorti qed tordna lill-hati Jumaa Ahmed, sabiex ihallas l-ammont t'elfejn mija u wiehed u hamsin Euro u tnejn u tmenin centezmu **(€ 2,151.82) rapprezentanti spejjes ta' l-Espert[1] mahtur fil-kawza odjerna.**

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**

[1] Dr Stephen Farrugia Sacco a fol. 82A u fol. 125A